**ANNESS XI**

Il-lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 24 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni: Malta

1. IL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

1. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Titolu I, il-Moviment Liberu tal-Merkanzija.

Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 31 tat-Trattat tal-KE, Malta għandha taġġusta s-suq ta' l-importazzjoni, ħżin u l-kummerċjalizzazzjoni bl-ingrossa tal-prodotti petroliferi sal-31 ta' Diċembru 2005. F'dan il-kuntest, Malta għandha wkoll tiżgura li l-liċenzi tal-kummerċ jinħarġu fil-ħin sabiex l-operazzjonijiet mid-detenturi ta' liċenzi jibdew mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2006.

2. 32001 L 0083: Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/83/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

B'deroga mill-ħtiġiet ta' kwalità, sigurtà u effikaċja stipulati fid-Direttiva 2001/83/KE, l-awtorizzazzjonijiet għall-*marketing* tal-prodotti farmaċewtiċi li hemm fil-lista (fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness kif provduta minn Malta f'lingwa waħda) maħruġa taħt il-liġi Maltija qabel id-data ta' l-adeżjoni, għandhom jibqgħu validi sakemm jiġu mġedda b'konformità ma' l-*acquis* jew sal-31 ta' Diċembru 2006, skond liema tiġi l-ewwel. Minkejja d-disposizzjonijiet tat-Titolu III, il-Kapitolu 4, tad-Direttiva, l-awtorizzazzjonijiet tal-*marketing* koperti minn din id-deroga ma għandhomx jibbenefikaw mir-rikonoxximent reċiproku fl-Istati Membri.

2. IL-LIBERTÀ TAL-MOVIMENT TAL-PERSUNI

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

31968 L 0360: Id-Direttiva tal-Kunsill 68/360/KEE tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment u r-residenza fi ħdan il-Komunità għal ħaddiema ta' l-Istati Membri u l-familji tagħhom (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 13), kif l-aħħar emendata bi:

– 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21);

31968 R 1612: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1612/68 tal-15 ta’ Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2), kif l-aħħar emendat bi:

– 31992 R 2434: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2434/92 tas-27.7.1992 (ĠU L 245, 26.8.1992, p. 1).

1. L-Artikolu 39 tat-Trattat tal-KE għandu japplika fl-intier tiegħu biss, fir-rigward tal-libertà tal-moviment tal-ħaddiema f’Malta, bla ħsara għad-disposizzjonijiet transitorji stipulati fil-paragrafi 2 sa 4.

2. Malta tista’ tirrikorri għall-proċeduri stipulati fis-sub-paragrafi ta’ hawn taħt sa l-aħħar tal-perijodu ta’ seba' snin wara d-data ta’ l-adeżjoni.

Meta Malta tgħaddi minn jew tipprevedi taqlib fis-suq tax-xogħol tagħha li jista' jhedded b'mod serju l-livell ta' l-għajxien jew il-livell ta' l-impjiegi f'reġjun jew f'tip ta' xogħol partikolari, Malta għandha tinforma b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u għandha tipprovdilhom id-dettalji rilevanti kollha. Abbażi ta' din l-informazzjoni, Malta tista' titlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara li l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament (KEE) Nru. 1612/68, għandha tiġi sospiża fl-intier jew f'parti minnha, sabiex treġġa' lura għan-normal is-sitwazzjoni f'dak ir-reġjun jew f'dak it-tip ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tiddeċidi dwar is-sospensjoni, it-tul ta' żmien u l-iskop tagħha mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara li tkun irċeviet dik it-talba u għandha tavża lill-Kunsill b'dik id-deċiżjoni. Fi żmien ġimagħtejn mid-data tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, Stat Membru jista' jitlob lill-Kunsill biex jannulla jew jemenda d-Deċiżjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq dik it-talba b'maġġoranza kwalifikata fi żmien ġimagħtejn.

F'każijiet urġenti u eċċezzjonali, Malta tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament (KEE) Nru. 1612/68, u wara dan jingħata avviż motivat *ex-post* lill-Kummissjoni.

3. Sabiex ikollha tkun taf minn qabel b'xi sitwazzjoni li tista' teħtieġ azzjoni skond il-paragrafu 2 hawn fuq matul il-perijodu ta' seba' snin wara d-data ta' l-adeżjoni, Malta tista' wkoll iżżomm is-sistema tagħha tal-permess tax-xogħol għal ċittadini ta' Stati Membri oħra li għalihom japplikaw l-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament (KEE) Nru. 1612/68, iżda għandha toħroġ dawn il-permessi tax-xogħol b'mod awtomatiku.

4. Sakemm ċerti disposizzjonijiet tad-Direttiva 68/360/KEE ma jkunux jistgħu jiġu mifruda minn dawk tar-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 li l-applikazzjoni tagħhom tista' tiġi sospiża konformemen mal-paragrafu 2, Malta tista' tidderoga minn dawk id-disposizzjonijiet sakemm ikun meħtieġ għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2.

## 3. IL-POLITIKA DWAR IL-KOMPETIZZJONI

1. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, it-Titolu VI, il-Kapitolu 1, ir-Regoli dwar il-Kompetizzjoni.

Minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, Malta tista' żżomm fis-seħħ l-għajnuna għat-tħaddim mogħtija taħt l-iskemi fiskali taħt ir-Regolamenti 4 u 6 ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji sal-31 ta' Diċembru 2008, sakemm l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mwettqa:

– l-ammont annwali ta' l-għajnuna totali li jingħata lil impriża waħda ma jaqbiżx MTL 7 200 għal kull impjegat, jew

– jekk ikun ikkalkulat abbażi tal-qligħ eliġibbli għall-għajnuna, l-ammont annwali ma jaqbiżx MTL 25 000 għal kull impjegat fejn ir-rata ta' taxxa mnaqqsa applikabbli hija ta' 5% (taħt ir-Regolament 4 jew 6) jew MTL 28 000 għal kull impjegat fejn ir-rata ta' taxxa mnaqqsa applikabbli hija ta' 10% jew ta' 15% ((taħt ir-Regolament 4 jew 6).

2. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Titolu VI, Kapitolu 1, Regoli dwar il-Kompetizzjoni.

(a) Minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, Malta tista' tapplika l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-kumpanniji mogħtija sat-30 ta' Novembru 2000 abbażi ta' l-Att dwar l-Iżvilupp Industrijali u l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kif definiti skond it-tifsira Komunitarja[1] ta' dawn l-intrapriżi u bi qbil mal-prattika tal-Kummissjoni sa u inkluż il-31 ta' Diċembru 2011.

Fil-każ ta' fużjoni, akkwist jew xi każ ieħor simili li jinvolvi l-benefiċjarju ta' eżenzjoni mit-taxxa mogħtija taħt il-leġislazzjoni msemmija iżjed 'il fuq, l-eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpanniji ma għandhiex titkompla.

---

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 96/280/KE tat-3 ta' April 1996 rigward it-tifsira ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 107, 30.4.1996, p. 4).

(ii) għal impriżi oħra sakemm il-limitazzjonijiet li ġejjin fuq l-ammonti ta' għajnuna li jingħataw taħt il-leġislazzjoni msemmija iżjed 'il fuq jiġu rispettati:

(aa) Għajnuna mogħtija mill-Istat għall-investimenti reġjonali:

– l-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-massimu ta' 75% tal-kost ammissibbli fuq l-investiment jekk l-impriża tkun kisbet id-dritt għall-eżenzjoni mit-taxxa qabel l-1 ta' Jannar 2000. Jekk l-impriża tkun kisbet id-dritt għall-eżenzjoni mit-taxxa matul is-sena 2000, l-għajnuna globali ma għandhiex taqbeż il-massimu ta' 50% tal-kost ammissibbli ta' l-investiment;

– il-perijodu għall-kalkolu ta' l-għajnuna li għandha tiġi inkluża fil-limiti massimi msemmija iżjed 'il fuq ta' 75% u 50% għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2001; kull għajnuna mitluba u riċevuta abbażi tal-qligħ li tippreċedi din id-data għandha tiġi eskluża mill-kalkolu;

– ma għandu jkun hemm l-ebda ħtieġa li l-għajnuna tingħata lura jekk fid-data ta' l-adeżjoni l-impriża tkun diġà qabżet il-limiti massimi applikabbli;

– għall-iskop ta’ kalkolu ta’ l-għajnuna totali, għandu jittieħed kont ta’ l-għajnuna kollha mogħtija lill-benefiċjarju fir-rigward tal-kost ammissibbli, inkluża l-għajnuna mogħtija taħt skemi oħra u irrispettivament ta’ jekk l-għajnuna tingħatax minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji;

– il-kost ammissibbli għandu jkun definit abbażi tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali[1];

– il-kost ammissibbli li jista’ jittieħed kont tiegħu huwa dak li hu magħmul bejn l-1 ta’ Jannar 1995 u l-31 ta’ Diċembru 2006 skond programm ta’ investiment adottat formalment mill-benefiċjarju mhux iktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2002, u notifikat lill-Ministeru għas-Servizzi Ekonomiċi tar-Repubblika ta’ Malta sal-31 ta’ Marzu 2003.

(bb) L-għajnuna mogħtija mill-Istat għat-taħriġ, riċerka u żvilupp, u investiment ambjentali:

– l-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-limiti massimi rilevanti ta’ l-intensità ta’ l-għajnuna applikabbli għall-iskopijiet ta’ l-għajnuna bħal dawn;

[1] ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.

– il-perijodu għall-kalkolu ta' l-għajnuna li għandha tiġi inkluża fil-limiti massimi applikabbli għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2001; kull għajnuna mitluba u riċevuta abbażi tal-qligħ li jippreċedi din id-data għandha tiġi eskluża mill-kalkolu;

– għall-iskopijiet tal-kalkolu ta' l-għajnuna totali, għandu jittieħed kont ta' kull għajnuna kollha mogħtija lill-benefiċjarju fir-rigward tal-kost ammissibbli, inkluża l-għajnuna mogħtija taħt skemi oħra u irrispettivament ta' jekk l-għajnuna tingħatax minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji;

– il-kost ammissibbli għandu jkun definit abbażi tar-regoli Komunitarji applikabbli għall-iskop ta' l-għajnuna konċernata;

– ma għandu jkun hemm ebda ħtieġa li tingħata lura l-għajnuna jekk fid-data ta' l-adeżjoni l-impriża tkun diġà qabżet il-limiti massimi applikabbli;

– il-kost ammissibbli li jista' jittieħed kont tiegħu huwa dak li jsir bejn l-1 ta' Jannar 1995 u l-31 ta' Diċembru 2006 skond il-programm ta' investiment adottat formalment mill-benefiċjarju mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002, u notifikat lill-Ministeru għas-Servizzi Ekonomiċi tar-Repubblika ta' Malta sal-31 ta' Marzu 2003.

(b) Kull għajnuna mogħtija taħt dawn iż-żewġ skemi li hemm referenza għalihom iktar 'il fuq u li ma tkunx mijuba konformi mal-kondizzjonijiet mniżżla f'(a) iktar 'il fuq sad-data ta' l-adeżjoni għandha tkun meqjusa bħala għajnuna ġdida skond il-mekkaniżmu eżistenti għall-għajnuna kif stipulat fl-Anness IV, Kapitolu 3 dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni, ma' dan l-Att.

(ċ) Malta għandha tipprovdi lill-Kummissjoni:

– xahrejn wara d-data ta' l-adeżjoni, informazzjoni dwar l-adempiment tal-kondizzjonijiet stipulati f'(a) iktar 'il fuq;

– sa l-aħħar ta' Settembru 2007, informazzjoni dwar il-kost ammissibbli ta' l-investiment effettivament magħmul mill-benefiċjarji taħt il-leġislazzjoni msemmija iktar 'il fuq, u l-ammonti totali ta' l-għajnuna riċevuti mill-benefiċjarji.

3. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, it-Titolu VI, il-Kapitolu 1, ir-Regoli dwar il-Kompetizzjoni

(a) Minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE u bla ħsara għall-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt, Malta tista' tagħti l-miżuri li ġejjin ta' għajnuna għar-ristrutturar sa ammont massimu totali ta' MTL 419 491 000 lil Malta Drydocks u lil Malta Shipbuilding Company Limited, jew lil kull suċċessur legali tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin bħala it-"tarznari"), matul il-perijodu ta' ristrutturar mill-2002 sa l-aħħar ta' 2008, imqassmin kif ġejjin:

– ħassir mill-kotba tad-dejn sa MTL 300 000 000;

– għajnuna għall-investiment sa MTL 9 983 000 skond il-pjan ta' investiment kapitali inkluż fil-pjan ta' ristrutturar;

– għotjiet għat-taħriġ sa MTL 4 530 000;

– kumpens għall-kost soċjali minħabba r-ristrutturar sa MTL 32 024 000;

– għajnuna għall-kost finanzjarju sa MTL 17 312 000;

– għajnuna oħra relatata mal-kost finanzjarju għal għotjiet għat-taħriġ u s-sussidju ta' l-investiment kapitali sa MTL 3 838 000;

– sussidju għall-kapital li jitħaddem sa MTL 51 804 000. Dan l-element tal-pjan ta' għajnuna għat-tħaddim jonqos biż-żmien, sabiex mhux iżjed minn 25% ta' l-ammont li jkun tħallas effettivament ma jkun jista' jitħallas matul l-aħħar erba' snin tal-pjan ta' ristrutturar.

L-għajnuna għal kull punt ma għandhiex teċċedi n-nefqa li hi maħsuba li tkopri, u għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju biex jinkisbu l-objettivi tal-pjan ta' ristrutturar.

(b) Malta għandha timplimenta r-ristrutturar tat-tarznari abbażi ta' pjan ta' ristrutturar li l-iskop tiegħu hu li jikseb il-vijabbiltà totali mhux iktar tard mill-aħħar tal-perijodu tar-ristrutturar, u li jirrispetta l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-għajnuna għandha tingħata darba biss. L-ebda għajnuna oħra ma għandha tingħata lill-kumpannija li hija l-proprjetarja tat-tarznari wara l-31 ta' Diċembru 2008;

(ii) l-għadd ta' xogħol bniedem f'siegħa disponibbli għal forza tax-xogħol produttiva ppjanata għall-bini ta' vapuri, it-tiswija ta' vapuri u l-konverżjoni ta' bastimenti ta' 1410 persuni (wara r-ristrutturar) fi ħdan it-tarznari għandu jkunu ta' 2,4 miljun ta' xogħol bniedem f'siegħa kull sena;

(iii) l-għadd ta' xogħol bniedem f'siegħa mibjugħ għat-tiswija ta' vapuri u għall-konverżjoni ta' vapuri ma għandux jeċċedi 2 035 000 għal kull waħda mill-għaxar snin wara l-bidu tal-perijodu ta' ristrutturar;

(iv) il-bini ta' vapuri, kif definit fir-Regolament (KE) Nru. 1540/98 li jistabilixxi regoli ġodda dwar l-għajnuna għall-bini ta' vapuri[1], ma għandux jaqbeż produzzjoni annwali massima ta' 10 000 tunnellaġġ gross ikkumpensat. It-tarznari jistgħu jnaqqsu mill-produzzjoni rrapportata tagħhom ix-xogħolijiet li ġejjin li jista' jintwera li jkunu ingħataw biex isiru barra minnhom: l-armar ta' l-impalkatura, it-trasport intern, is-servizzi proviżorji, is-servizzi ta' gwardjani, il-kostruzzjoni ta' istallazzjonijiet u mudelli, is-servizzi ta' tindif tal-vapuri, l-insulazzjoni u l-laminazzjoni, is-sistemi ta' sentina u saborra, is-sistemi tat-tifi tan-nar u tbexxix, il-kablaġġ (jekk mhux parti minn installazzjoni elettronika), installazzjoni elettronika (minħabba fil-proporzjon ġeneralment għoli tal-kost materjali, għandu jittieħed kont ta' 40% biss tal-kost dokumentat ta' dawn l-operazzjonijiet), l-attrezzatura, ix-xogħol tal-ħadid, l-ipproċessar mekkaniku, is-sistemi sanitarji (minbarra l-kabini sanitarji) u s-sistemi tas-sħana;

It-total ta' tunnellaġġ gross ikkumpensat tal-kuntratt in kwistjoni tal-bini tal-vapuri jista' jitnaqqas bil-perċentwali ta' l-operazzjonijiet li jsiru barra mit-tarnzari msemmija iktar 'il fuq.

(v) il-baċir Nru. 1 tal-Malta Drydocks għandu jingħalaq għall-bini ta' vapuri, għall-konverżjoni ta' vapuri u t-tiswija ta' vapuri għal mill-inqas għaxar snin mid-data tal-bidu tal-perijodu ta' ristrutturar. Jekk il-baċir magħluq jerġa' jintuża għal attivitajiet oħra, dawn għandhom ikunu independenti mill-kumpanniji li huma proprjetarji tat-tarznari fil-preżent, u ma jistgħux ikollhom x'jaqsmu ma' bini ta' vapuri, tiswija ta' vapuri jew konverżjoni ta' vapuri;

[1] ĠU L 202, 18.7.1998, p. 1.

(vi) fir-rigward tar-riduzzjoni meħtieġa fl-għadd ta' ħaddiema tat-tarznari, Malta għandha tiżgura li l-forza tax-xogħol ċentrali neċessarja li tinżamm ikollha l-livelli ta’ sengħa essenzjali;

(vii) programmi tat-taħriġ assoċjati mal-pjan ta’ ristrutturar għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli Komunitarji ġeneralment applikabbli;

(viii) kull għajnuna li tingħata bi ksur tal-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel għandha tingħata lura.

(ċ) Jekk il-vijabbilità tat-tarznari ma tistax tinkiseb minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u li ma kienux previsti fiż-żmien meta ġie mfassal il-pjan ta’ ristrutturar, il-Kummissjoni tista’ tirrevedi l-kondizzjonijiet stipulati f’(b) hawn qabel skond il-proċedura li jipprovdi għaliha l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE. Qabel ma tibda din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tqis sew il-veduti ta’ l-Istati Membri dwar l-eżistenza ta’ ċirkustanzi eċċezzjonali. Dawn il-veduti għandhom jingħataw kemm abbażi ta’ rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni kif ukoll abbażi ta’ l-informazzjoni rilevanti disponibbli u ċ-ċirkostanzi.

L-ammont ta’ għajnuna totali msemmi f’(a) hawn qabel ma jista’ jinqabeż fl-ebda ċirkostanza.

(d) Malta għandha tikkopera ma' l-arranġamenti ta' kontroll stabbiliti mill-Kummissjoni, inklużi spezzjonijiet fuq il-post minn esperti indipendenti, matul il-perijodu ta' ristrutturar.

Malta għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjan. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu kull informazzjoni rilevanti sabiex jgħinu lill-Kummissjoni tqis is-sitwazzjoni fir-rigward l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturar,. inkluż kif it-tarznari jiffissaw il-prezzijiet għal kuntratti ġodda tat-tiswija ta' vapuri u ta' bini ta' vapuri li jinkisbu mit-tarznari. Ir-rapport annwali ta' tarzna dwar il-produzzjoni għandu jispeċifika t-tunnellaġġ gross ikkumpensat ta' xogħlijiet eliġibbli li jsiru barra minnha skond il-perijodu ta' żmien attwali li matulu jkunu ntgħamlu minn terzi u jinkludi dan fil-kalkolu tat-tunnellaġġ gross ikkumpensat tal-kuntratt tal-bini tal-vapur. Fil-każ ta' vapuri li l-kostruzzjoni tagħhom testendi tul sentejn, il-figura tat-tunnellaġġ gross ikkumpensat għandha tiġi ffriżata fl-aħħar tas-sena sabiex jiġu evitati korrezzjonijiet retroattivi. It-tarzna għandha wkoll tkun f'posizzjoni li turi l-kuntratti kollha relatati ma' l-għoti ta' xogħlijiet li jsiru barra minnhom li hemm fil-lista fis-sub-paragrafu (b) (iv) għall-iskop ta' verifika.

Minn Marzu 2003, Malta għandha tforni dawn ir-rapporti fi żmien xahrejn mill-aħħar ta' kull sena. L-aħħar rapport għandu jingħata sa l-aħħar ta' Marzu 2009, ħlief jekk ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Kummissjoni u Malta.

4. L-AGRIKOLTURA

A. IL-LEĠISLAZZJONI DWAR L-AGRIKOLTURA

1. 31975 R 2759: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2759/75 tad-29 ta’ Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal (ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32000 R 1365: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1365/2000 tad-19.6.2000 (ĠU L 156, 29.6.2000, p. 5);

31975 R 2771: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2771/75 tad-29 ta’ Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd (ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0493 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 493/2002 tad-19.3.2002 (ĠU L 77, 20.3.2002, p. 7);

31975 R 2777: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0493 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 493/2002 tad-19.3.2002 (ĠU L 77, 20.3.2002, p. 7);

31992 R 1766: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 21), kif l-aħħar emendat bi:

– 32000 R 1666: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1666/2000 tas-17.7.2000 (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 1);

31995 R 3072: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross (ĠU L 329, 30.12.1995, p. 18), kif emendat bi:

– 32002 R 0411 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 411/2002 ta' l-4.3.2002 (ĠU L 62, 5.3.2002, p. 27);

31996 R 2200: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u tal-ħxejjex (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 1881: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1881/2002 ta' l-14.10.2002 (ĠU L 285, 23.10.2002, p. 13);

31996 R 2201: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0453: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 453/2002 tat-13.3.2002 (ĠU L 72, 14.3.2002, p. 9);

31999 R 1254: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21), kif l-aħħar emendat bi:

– 32001 R 2345: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2345/2001 tat-30.11.2001 (ĠU L 315, 1.12.2001, p. 29);

31999 R 1255: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0509: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 509/2002 tal-21.3.2002 (ĠU L 79, 22.3.2002, p. 15);

31999 R 1493: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1493/1999 tas-17 ta’ Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta’ l-inbid (ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32001 R 2585: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2585/2001 tad-19.12.2001 (ĠU L 345, 29.12.2001, p. 10);

32001 R 1260: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/2001 tad-19 ta’ Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1), kif emendat bi:

– 32002 R 0680: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 680/2002 tad-19.4.2002 (ĠU L 104, 20.4.2002, p. 26).

Programm Speċjali dwar il-Politika tas-Suq għall-Agrikoltura Maltija (SMPPMA)

(a) Għajnuna speċjali u temporanja mogħtija mill-Istat bħala appoġġ għall-produtturi agrikoli

B’deroga mill-Artikolu 21 tar-Regolament (KEE) Nru. 2759/75, l-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru. 2771/75, l-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru. 2777/75, l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru. 2200/96, l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru. 2201/96, l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru. 1255/1999 u l-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru. 1493/1999, Malta tista’ tagħti għajnuna speċjali u temporanja mogħtija mill-Istat lill-produtturi tat-tadam għall-ipproċessar, tal-frott u l-ħxejjex friski, ta’ l-inbid, tal-laħam tal-majjal, tal-ħalib, tal-laħam tat-tiġieġ u tal-bajd. Din l-assistenza tista’ tiġi adattata għal kull settur in kwistjoni filwaqt li jittieħed kont ta’ l-assistenza li teżisti taħt ir-regoli attwali tal-politika agrikola komuni.

Din l-għajnuna tista' tingħata għal perijodu ta' seba' snin mid-data ta' l-adeżjoni għall-prodotti li ġejjin mill-bhejjem u għal ħdax-il sena mid-data ta' l-adeżjoni għall-uċuħ, skond l-iskeda digressiva li ġejja:

għall-prodotti mill-bhejjem: l-ewwel sena 100%, it-tieni sena 95%, it-tielet sena 90%, ir-raba' sena 72%, il-ħames sena 54%, is-sitt sena 36% u s-seba' sena' 18%;

għall-uċuħ: l-ewwel u it-tieni sena 100%, it-tielet u ir-raba' sena 95%, il-ħames u is-sitt sena 90%, is-seba' sena 75%, it-tmien sena 60%, id-disa' sena 45%, l-għaxar sena 30%, u l-ħdax-il sena 15%.

Din l-għajnuna għandha tkun limitata għall-ammonti li ġejjin f'kull settur:

| Programm għall-uċuħ (EUR miljun) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena | Is-settur tat-tadam għall-ipproċessar, inkluża l-għajnuna addizzjonali | Is-settur ta' l-inbid, inkluża l-għajnuna addizzjonali | Is-settur tal-frott frisk | Is-settur tal-ħxejjex friski | It-total għall-uċuħ |
| 2004 | 1,37 | 2,76 | 2,43 | 0,96 | 7,52 |
| 2005 | 1,48 | 2,62 | 2,43 | 0,96 | 7,49 |
| 2006 | 2,68 | 1,23 | 2,31 | 0,91 | 7,13 |
| 2007 | 2,68 | 1,10 | 2,31 | 0,91 | 7,00 |
| 2008 | 2,63 | 1,04 | 2,18 | 0,86 | 6,71 |
| 2009 | 2,63 | 0,94 | 2,18 | 0,86 | 6,61 |
| 2010 | 2,15 | 0,83 | 1,82 | 0,72 | 5,52 |
| 2011 | 1,46 | 0,83 | 1,46 | 0,57 | 4,32 |
| 2012 | 0,85 | 0,76 | 1,10 | 0,43 | 3,14 |
| 2013 | 0,42 | 0,51 | 0,73 | 0,29 | 1,95 |
| 2014 | 0,18 | 0,36 | 0,37 | 0,15 | 1,06 |
| | | | | | |
| TOTAL | 18,53 | 12,98 | 19,32 | 7,62 | 58,45 |

| Programm għal prodotti li ġejjin mill-bhejjem (EUR miljun) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena | Programm SMPPMA għas-settur tal-prodotti tal-ħalib, inkluża l-għajnuna għar-ristrutturar | Is-settur tal-laħam tal-majjal, inkluża l-għajnuna għar-ristrutturar | Is-settur tal-bajd, inkluża l-għajnuna għar-ristrutturar | Is-settur tal-laħam tat-tiġieġ, inkluża l-għajnuna għar-ristrutturar | It-total għall-prodotti li ġejjin mill-bhejjem, inkluża l-għajnuna għar-ristrutturar |
| 2004 | 2,50 | 5,40 | 2,30 | 1,80 | 12,0 |
| 2005 | 2,45 | 5,17 | 2,18 | 1,70 | 11,5 |
| 2006 | 2,40 | 4,94 | 2,03 | 1,63 | 11,0 |
| 2007 | 1,97 | 4,15 | 1,70 | 1,38 | 9,20 |
| 2008 | 1,63 | 3,28 | 1,34 | 1,15 | 7,40 |
| 2009 | 1,28 | 2,46 | 0,99 | 0,87 | 5,60 |
| 2010 | 0,94 | 1,65 | 0,59 | 0,62 | 3,80 |
| | | | | | |
| TOTAL | 13,17 | 27,05 | 11,13 | 9,15 | 60,5 |

Għal kull settur, l-għajnuna mogħtija mill-Istat tista' tiġi allokata biss fil-limiti massimi kwantitattivi li ġejjin:

Uċuħ (kwantitajiet annwali):

Tadam għall-ipproċessar: 27 000 tunnellata metrika

Frott frisk: 19 400 tunnellata metrika

Ħxejjex friski: 38 200 tunnellata metrika

Inbid: 1000 ettaru

Prodotti li ġejjin mill-bhejjem (kwantitajiet annwali):

Prodotti tal-ħalib:45 000 tunnellata metrika

Laħam tal-majjal: 125 200 ras

Tiġieġ: 7 000 tunnellata metrika

Bajd: 5 000 tunnellata metrika

(b) L-għajnuna speċjali u temporanja mogħtija mill-Istat bħala appoġġ lill-proċessuri u l-bejjiegħa bl-imnut rikonoxxuti ta' prodotti agrikoli importati

B'deroga mill-Artikolu 21 tar-Regolament (KEE) Nru. 2759/75, l-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru. 1766/92, l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru. 3072/95, l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru. 2201/96, l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru. 1254/1999, l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru. 1255/1999 u l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru. 1260/2001, Malta tista' tagħti għajnuna speċjali u temporanja mill-Istat bħala appoġġ għax-xiri ta' prodotti agrikoli importati li qabel l-adeżjoni kien jibbenefikaw minn rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew li kienu importati minn pajjiżi terzi mingħajr dazji sakemm Malta tipprovdi mekkaniżmu li jiggarantixxi li l-appoġġ effettivament jingħadda lill-konsumaturi. Din l-għajnuna għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' u ma għandhiex taqbeż, id-differenza bejn il-prezzijiet ta' l-UE (inkluż it-trasport) u dawk tas-suq mondjali, u għandha tikkunsidra l-livell tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

Din l-għajnuna mogħtija mill-Istat għandha tapplika b’mod digressiv fuq perijodu massimu ta’ seba' snin mid-data ta’ l-adeżjoni: l-ewwel sena 100%, it-tieni sena 95%, it-tielet sena 90%, mir-raba’ sas-seba’ sena 18% tnaqqis kull sena.

Din l-għajnuna għandha tkun limitata għall-ammonti li ġejjin f’kull settur:

Miżuri ta’ provvista

EUR miljuni

| Prodotti | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċereali | 3,0 | 2,9 | 2,7 | 2,2 | 1,6 | 1,1 | 0,5 | 14,0 |
| Zokkor | 11,0 | 10,5 | 9,9 | 7,9 | 5,9 | 4,0 | 2,0 | 51,2 |
| Prodotti tal-laħam | 0,8 | 0,8 | 0,8 | 0,6 | 0,5 | 0,3 | 0,2 | 3,9 |
| Prodotti tal-ħalib | 1,0 | 1,0 | 0,9 | 0,7 | 0,5 | 0,4 | 0,2 | 4,7 |
| Prodotti semi-pproċessati tat-tadam | 0,8 | 0,8 | 0,7 | 0,6 | 0,4 | 0,3 | 0,1 | 3,7 |
| Total | | | | | | | | 77,4 |

Għal kull settur, l-għajnuna mogħtija mill-Istat tista' tiġi allokata biss fil-limiti massimi kwantitattivi li ġejjin:

| Zokkor | |
|---|---|
| Prodott | Kwantità (tunnellati metriċi kull sena) |
| Zokkor | 35 000 |

| Ċereali | |
|---|---|
| Prodott | Kwantità (tunnellati metriċi kull sena) |
| Żerriegħa tal-qamħ komuni u ta' taħlita ta' ċereali | 52 000 |
| Xgħir, minbarra ż-żerriegħa tax-xgħir | 61 000 |
| Qamħirrum (qamħ), minbarra ż-żerriegħa | 62 000 |
| Ross | 3 000 |
| Malt ta' ċereali oħra minbarra d-dqiq tal-qamħ | 2,500 |
| Smid (taħlita mitħuna ta' xgħir u qamh *durum* ) | 3 500 |

| Prodotti tal-ħalib | |
|---|---|
| Prodott | Kwantità (tunnellati metriċi kull sena) |
| Krema tal-ħalib fi trab jew għamla solida oħra, kontenut ta' xaħam <1,5% | 521 |
| Butir naturali, kontenut ta' xaħam ≤85% imballaġġ immedjat | 250 |
| Butir ieħor, kontenut ta' xaħam ≤85% imballaġġ immedjat | 250 |
| Ġobon *cheddar* | 1 200 |
| Ġobon *edam* | 1 000 |
| Ġobon ipproċessat ieħor (Kefalo-tyri, eċċ.) | 1 500 |

| Prodotti tal-laħam | |
|---|---|
| Prodott | Kwantità (tunnellati metriċi kull sena) |
| Il-partijiet ta' wara tal-bovini bl-għadma, iffriżati | 4 200 |
| Robbu ta' quddiem tal-bovina bis-sidra maqtugħ u ffriżat | 2 000 |
| Prodotti oħra tal-majjal domestiku ppreparati u pproċessati | 500 |
| *Corned beef* f'kontenituri mitbuqa | 1 200 |

| Prodotti Oħra | |
|---|---|
| Prodott | Kwantità (tunnellati metriċi kull sena) |
| Tadam ippreparat b'kontenut ta' materjal niexef >30% f'pakki ta' >3kg | 5 500 |
| Tadam ippreservat sħiħ jew f'biċċiet f'konteorituri ta' >3kg | 3 000 |

(ċ) Fir-rigward ta' kull prodott agrikolu li jaqa' taħt il-SMPPMA, il-klawsola ta' salvagwardja ekonomika ġenerali stipulata fl-Artikolu 37 ta' dan l-Att għandha tkun applikabbli għal Malta sa ħames snin wara d-data ta' l-adeżjoni.

(d) Malta għandha tissottometti rapport kull sena lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mogħtija mill-Istat, fejn tindika x-xorta u l-ammonti ta' l-għajnuna għal kull settur.

2. 31992 R 3950: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3950/92 tat-28 ta' Diċembru 1992, li jistabilixxi l-ġbir ta' imposta addizzjonali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU L 405, 31.12.1992, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0582: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 582/2002 ta' l-4.4.2002 (ĠU L 89, 5.4.2002, p. 7).

B'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru. 3950/92, il-kontentut rappreżentattiv ta' xaħam ta' ħalib imqassam għandu jkun iffissat għal Malta wara perijodu ta' ħames snin mid-data ta' l-adeżjoni.

Sakemm jiġi stipulat il-kontenut rappreżentattiv ta' xaħam, il-tqabbil ta' kontenut ta' xaħam bil-għan li tiġi kkalkulata l-imposta addizzjonali kif stipulat fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru. 1392/2001 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru. 3950/92[1] ma għandux japplika f'Malta.

[1] ĠU L 187, 10.7.2001, p. 19.

3. 31996 R 2201: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/96 tat-28 ta’ Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq ta’ prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0453: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 453/2002 tat-13.3.2002 (ĠU L 72, 14.3.2002, p. 9).

B’deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru. 2201/96, matul is-snin ta’ *marketing* 2004/2005 sa 2008/2009, il-kuntratti bejn dawk li jipproċessaw u l-produtturi individwali għandhom ikunu eliġibbli għall-iskema li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2 ta’ dak ir-Regolament. Mill-kwantità globali ta’ tadam li għaliha jkun ikkuntratta xi wieħed minn dawk li jipproċessaw, is-sehem mill-kwantitajiet li jaqgħu taħt il-kuntratti bejn dawk li jipproċessaw u l-produtturi individwali għandu jlaħħaq sa massimu ta’ 75% matul is-sena ta’ *marketing* 2004/2005, 65% matul is-sena ta’ *marketing* 2005/2006, 55% matul is-sena ta’ *marketing* 2006/2007, 40% matul is-sena ta’ *marketing* 2007/2008 u 25% matul is-sena ta’ *marketing* 2008/2009. Il-koperattivi Maltin eżistenti u assoċjazzjonijiet oħra ta’ produtturi li mhumiex rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet ta’ produtturi skond il-leġislazzjoni Komunitarja għandhom ikunu meqjusa bħala "produtturi individwali".

4. 31997 R 2597: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2597/97 tat-18 ta' Diċembru 1997 li jistipula regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib għall-ħalib tax-xorb (ĠU L 351, 23.12.1997, p. 13), kif l-aħħar emendat bi:

– 31999 R 1602: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1602/1999 tad-19.7.1999 (ĠU L 189, 22.7.1999, p. 43).

B'deroga mill-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru. 2597/97, il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontenut minimu ta' xaħam tal-ħalib sħiħ ma għandhomx japplikaw għall-ħalib tax-xorb prodott f'Malta għal perijodu ta' ħames snin mid-data ta' l-adeżjoni. Ħalib tax-xorb li mhux konformi mal-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontenut ta' xaħam jista' jkun mqiegħed fis-suq f'Malta biss jew ikun esportat lejn pajjiż terz.

5. 31999 R 1254: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21), kif l-aħħar emendat bi:

– 32001 R 2345: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2345/2001 tat-30.11.2001 (ĠU L 315, 1.12.2001, p. 29).

B'deroga mill-Artikolu 12(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru. 1254/1999, l-applikazzjoni tad-densità ta' bhejjem miżmuma f'Malta għandha tiġi introdotta b'mod gradwali fuq bażi lineari minn 4,5 UTB għal kull ettaru għall-ewwel sena wara l-adeżjoni għal 1,8 UTB għal kull ettaru ħames snin wara l-adeżjoni. Matul dan il-perijodu, sabiex tiġi determinata id-densità ta' bhejjem fl-azjenda, ma għandux jittieħed kont tal-baqar tal-ħalib li huma meħtieġa biex jipproduċu il-kwantità ta' referenza totali ta' ħalib allokati lill-produttur.

Malta għandha tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2007.

6. 31999 R 1493: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid (ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32001 R 2585: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2585/2001 tad-19.12.2001 (ĠU L 345, 29.12.2001, p. 10).

B’deroga mill-Anness V, punt Ċ.3, tar-Regolament (KE) Nru. 1493/1999, Malta tista’ żżomm fis-seħħ sal-31 Diċembru 2008 il-qawwa alkoħolika naturali minima ta’ inbid magħmul mill-varjetajiet tad-dwieli indiġeni Ġellewża u Ghirgentina f’livell ta’ 8% vol. u tkun tista’ żżid il-qawwa alkoħolika naturali (tisħiħ) sa 3% vol.

Matul dan il-perijodu Malta għandha tiżgura li t-teknika tal-vitikultura tiġi adattata b’mod effettiv sabiex ikun jista’ jiġi prodott għeneb għall-inbid ta’ karattru indiġenu ta’ kwalità għolja sal-31 ta’ Diċembru 2008.

7. 32001 R 1260: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/2001 tad-19 ta’ Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0680: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 680/2002 tad-19.4.2002 (ĠU L 104, 20.4.2002, p. 26).

B’deroga mill-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru. 1260/2001 u l-Artikoli korrispondenti tar-regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, Malta tista’ għal perijodu ta’ ħames snin mid-data ta’ l-adeżjoni tagħti għajnuna mill-Istat lit-trasport bil-vapur ta’ prodotti agrikoli minn Għawdex fuq bażi lineari digressiva (tnaqqis ta’ 20% kull sena).

Malta għandha tissottometti rapport kull sena lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mogħtija mill-Istat, fejn tindika x-xorta u l-ammonti ta' l-għajnuna.

B. IL-LEĠISLAZZJONI VETERINARJA U FITOSANITARJA

I. IL-LEĠISLAZZJONI VETERINARJA

1. 31992 L 0046: Id-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistipula r-regoli tas-saħħa dwar il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ħalib nej, ħalib ittrattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 1), kif l-aħħar emendata bi:

– 31996 L 0023: Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29.4.1996 (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

(a) Sal-31 ta' Diċembru 2009 l-istabbiliment tal-ħalib imniżżel fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness jista' jirċievi kunsinni ta' ħalib nej li mhumiex konformi ma' l-Anness A, il-Kapitolu IV, tad-Direttiva 92/46/KEE jew li jiġu minn azjendi tal-ħalib li mhumiex konformi ma' l-Anness A, il-Kapitoli I u II, ta' dik id-Direttiva, sakemm dawk l-azjendi huma msemmija f'lista miżmuma għal dan l-iskop mill-awtoritajiet Maltin.

(b) Sakemm l-istabbiliment li hemm referenza għalih fil-paragrafu (a) ta' hawn fuq igawdi mid-disposizzjonijiet ta' dak il-paragrafu, il-prodotti li joriġinaw minn dak l-istabbiliment għandhom jitqiegħdu biss fis-suq domestiku, irrespettivament mid-data tal-*marketing*. Dawn il-prodotti għandhom iġibu marka speċjali tas-sanità.

(ċ) Malta għandha tiżgura li tikkonforma b'mod gradwali ma' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE fl-azjendi tal-ħalib u għandha tissottometti rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar il-progress miksub fit-titjib u r-ristrutturar ta' kull azjenda u fil-kontroll tal-mastite fil-merħliet sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' l-iġjene u l-kwalità tad-Direttiva 92/46/KEE.

(d) Regoli ta' implimentazzjoni dettaljati sabiex jiżguraw l-operat bla xkiel tas-sistema transitorja ta' hawn fuq għandhom jiġu adottati skond l-Artikolu 31 tad-Direttiva 92/46/KEE.

2. 31999 L 0074: Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistipula *standards* minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ tal-bajd (ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53).

Sal-31 ta' Diċembru 2006, 12-il stabbiliment f'Malta mniżżlin fl-Appendiċi Ċ ta' dan l-Anness jistgħu jkomplu jużaw gaġeġ eżistenti li mhumiex konformi mal-ħtiġiet minimi stipulati fl-Artikolu 5(1)(4) u fl-Artikolu 5(1)(5) tad-Direttiva 1999/74/KE f'elementi żgħar ta' kostruzzjoni (l-għoli u l-pendil ta' l-art biss), sakemm il-gaġeġ ikunu mill-inqas 36 ċm għolja f'mill-anqas 65% ta' l-area tal-gaġġa u ma jkunu mkien inqas baxxi minn 33 ċm u b'pendil ta' l-art ta' mhux iktar minn 16%.

II. IL-LEĠISLAZZJONI FITOSANITARJA

32002 L 0053: Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalogu komuni tal-varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1);

32002 L 0055: Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

Malta tista' tipposponi għal perijodu ta' ħames snin wara d-data ta' l-adeżjoni l-applikazzjoni tad-Direttivi 2002/53/KE u 2002/55/KE fir-rigward tal-*marketing* fit-territorju tagħha ta' żrieragħ tal-varjetajiet imniżżlin fil-katalogi nazzjonali rispettivi tagħha ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti tal-ħxejjex li ma ġewx uffiċjalment aċċettati skond id-disposizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi. Matul dak il-perijodu, dawn iż-żrieragħ ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq fit-territorju ta' Stati Membri oħra.

5. IS-SAJD

31992 R 3760: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3760/92 tal-20 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi sistema Komunitarja għas-sajd u l-akwakultura (ĠU L 389, 31.12.1992, p.1), kif l-aħħar emendat bi:

– 31998 R 1181: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1181/98 ta' l-4.6.1998 (ĠU L 164, 9.6.1998, p. 1).

Ir-Regolament (KEE) Nru. 3760/92 għandu japplika għal Malta bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

Is-sehem ta' Malta mill-possibilitajiet ta' sajd Komunitarji għat-tonn għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni wara li jkun ġie rikonnoxxut mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT) ma' l-adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni li l-limitu ta' qabda ta' Malta skond ir-Rakkomandazzjoni Nru. 94-11 tal-ICCAT huwa miżjud mal-possibilitajiet ta' sajd attwali tal-Komunità.

6. Il-POLITIKA DWAR IT-TRASPORT

1. 31992 L 0006: Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ta' l-10 ta' Frar 1992 dwar it-twaħħil u l-użu ta' tagħmir li jillimita l-veloċità ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27).

B'deroga mill-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/6/KEE, vetturi bil-mutur li jintużaw biss f'attivitajiet ta' trasport domestiku f'Malta ma għandhomx għalfejn ikunu attrezzati b'tagħmir li jillimita l-veloċità sal-31 Diċembru 2005.

2. 31996 L 0096Id-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet li jiċċertifikaw li vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom huma tajba għat-triq (ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1), kif l-aħħar emendata bi:

– 32001 L 0011: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/11/KE ta' l-14.2.2001 (ĠU L 48, 17.2.2001, p. 20).

B'deroga mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/96/KE, il-punti li ġejjin ma għandhomx jiġu ttestjati fir-rigward tal-kategoriji li ġejjin ta' vetturi bil-mutur , imniżżlin fl-Annessi I u II tad-Direttiva, li jintużaw biss f'attivitajiet ta' trasport domestiku f'Malta sal-31 ta' Diċembru 2004:

– il-punti 5.3 għall-kategoriji ta' vetturi 1 sa 6;

– il-punti 6.1.6, 6.2, 7.1, 7.8, 7.9 u 7.10 għall-kategoriji ta' vetturi 1 sa 3; u

– il-punti 6.2 u 7.5 għall-kategoriji ta' vetturi 4 sa 6.

3. 31999 L 0062: Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlasijiet li għandhom isiru minn vetturi tqal tal-ġarr għall-użu ta' xi infrastrutturi (OJ L 187, 20.7.1999, p. 42).(ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 1999/62/KE, ir-rati minimi tat-taxxi stipulati fl-Anness I tad-Direttiva ma għandhomx japplikaw f'Malta fir-rigward ta' vetturi li jintużaw f'attivitajiet ta' trasport internazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2004. Matul dan il-perijodu, ir-rati li Malta għandha tapplika għal dawn l-attivitajiet ma għandhomx ikunu anqas minn 80% tal-minimi stipulati fl-Anness I tad-Direttiva.

B’deroga mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 1999/62/KE, ir-rati minimi tat-taxxi stipulati fl-Anness I tad-Direttiva ma għandhomx japplikaw f’Malta fir-rigward ta’ vetturi li jintużaw esklussivament f’attivitajiet ta’ trasport domestiku sal-31 ta’ Diċembru 2005. Matul dan il-perijodu, ir-rati li Malta għandha tapplika għal dawn il-vetturi ma għandhomx ikunu anqas minn 65% tal-minimum stipulat fl-Anness I tad-Direttiva.

7. IT-TASSAZZJONI

31977 L 0388: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta’ Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ - Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta’ stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1), kif l-aħħar emendata bi:

– 32002 L 0038: Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE tas-7.5.2002 (ĠU L 128, 15.5.2002, p. 41).

1. B’deroga mill-Artikolu 12(3)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE, Malta tista’ żżomm fis-seħħ eżenzjoni b’rifużjoni tat-taxxa mħallsa fl-istadju ta’ qabel fuq il-provvista ta’ oġġetti ta’ l-ikel għall-konsum mill-bniedem u ta’ farmaċewtiċi sa l-1 ta’ Jannar 2010.

2. Sabiex tapplika l-Artikolu 28(3)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE, Malta tista' żżomm fis-seħħ l-eżenzjonijiet li ġejjin:

(a) mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq it-trasport intern ta' passiġġieri, it-trasport internazzjonali ta' passiġġieri u t-trasport domestiku ta' passiġġieri bil-baħar bejn il-gżejjer, li għalihom hemm referenza f'punt 17 ta' l-Anness F tad-Direttiva, sakemm il-kondizzjoni mniżżla fl-Artikolu 28(4) tad-Direttiva titwettaq jew sakemm l-istess eżenzjoni tkun qed tiġi applikata minn xi wieħed mill-Istati Membri attwali, skond liema tiġi l-ewwel,

(b) mit-taxxa fuq il-valur miżjud bla kreditu għall-input VAT fuq il-provvista ta' l-ilma mill-awtoritajiet pubbliċi, li għalih hemm referenza fil-punt 12 ta' l-Anness F tad-Direttiva, sakemm il-kondizzjoni mniżżla fl-Artikolu 28(4) tad-Direttiva titwettaq jew sakemm l-istess eżenzjoni tkun qed tiġi applikata minn xi wieħed mill-Istati Membri attwali, skond liema tiġi l-ewwel,

(ċ) mit-taxxa fuq il-valur miżjud bla kreditu għall-input VAT fuq il-provvista ta' bini u art għall-bini, li għalihom hemm referenza f'punt 16 ta' l-Anness F tad-Direttiva, sakemm il-kondizzjoni mniżżla fl-Artikolu 28(4) tad-Direttiva titwettaq jew sakemm l-istess eżenzjoni tkun qed tiġi applikata minn xi wieħed mill-Istati Membri attwali, skond liema tiġi l-ewwel.

8. IL-POLITIKA SOĊJALI U IMPJIEG

1. 31989 L 0655: Id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà fl-użu ta' tagħmir tax-xogħol fuq il-post tax-xogħol mill-ħaddiema (it-tieni Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 13) kif l-aħħar emendata bi:

– 32001 L 0045: Id-Direttiva 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27.6.2001 (ĠU L 195, 19.7.2001, p. 46).

F'Malta, id-Direttiva 89/655/KEE ma għandhiex tapplika sa l-1 ta' Jannar 2006 fir-rigward tat-tagħmir tax-xogħol li jkun diġà qed jintuża fid-data ta' l-adeżjoni.

Mid-data ta' l-adeżjoni u sat-tmiem tal-perijodu fuq imsemmi, Malta ser tkompli tipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni aġġornata fuq bażi regolari dwar l-iskeda taż-żmien u l-miżuri li jittieħdu sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva tiġi mħarsa.

2. 31993 L 0104: Id-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 307, 13.12.1993, p. 18), kif emendata bi:

– 32000 L 0034: Id-Direttiva 2000/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22.6.2000 (ĠU L 195, 1.8.2000, p. 41).

F'Malta, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 93/104/KE ma għandux japplika sal-31 ta' Lulju 2004 fis-sub-setturi tal-manifattura ta' l-ikel u tax-xorb, tat-tessuti, tal-ħwejjeġ u ż-żraben, tat-tagħmir tat-trasport, tal-makkinarju elettriku, ta' l-għodda elettronika u l-fornimenti, u ta' l-għamara; u sal-31 ta' Diċembru 2004 fir-rigward ta' ftehim kollettivi eżistenti fit-12 ta' Diċembru 2001 fis-sub-setturi tal-manifattura msemmija hawn qabel fejn dawn il-ftehim ikun fihom klawsoli rilevanti għall-Artikolu 6(2) b'validità lil hinn minn Lulju tas-sena 2004.

9. L-ENERĠIJA

31968 L 0414:Id-Direttiva tal-Kunsill 68/414/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1968 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri tal-KEE li jżommu ħażniet minimi ta' prodotti taż-żejt mhux raffinat u/jew petroliferi (ĠU L 308, 23.12.1968, p.14), kif l-aħħar emendata bi:

– 31998 L 0093: Id-Direttiva tal-Kunsill 98/93/KE ta' l-14.12.98 (ĠU L 358, 31.12.1998, p.100).

B'deroga mill-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 68/414/KEE, il-livell minimu ta' ħażniet ta' prodotti petroliferi ma għandux japplika għal Malta sal-31 ta' Diċembru 2006. Malta għandha tiżgura li l-livell minimu tal-ħażniet tagħha ta' prodotti petroliferi jkun jaqbel, għal kull waħda mill-kategoriji tal-prodotti petroliferi mniżżla fl-Artikolu 2, mill-inqas għall-konsum intern ta' kuljum medju għall-għadd ta' jiem segwenti kif definit fl-Artikolu 1(1):

- 40 jum għall-kategorija tal-prodott 'spirtu għall-muturi u karburanti ta' l-avjazzjoni' u 45 jum għall-bqija tal-kategoriji tal-prodotti sad-data ta' l-adeżjoni;

- 55 jum għall-kategorija tal-prodott "spirtu għall-muturi u karburanti ta' l-avjazzjoni" u 60 jum għall-bqija tal-kategoriji tal-prodott sal-31 ta' Diċembru 2004;

- 90 jum għall-kategoriji kollha tal-prodotti sal-31 ta' Diċembru 2006.

10. L-AMBJENT

A. IL-KWALITÀ TA' L-ARJA

31994 L 0063: Id-Direttiva 94/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' l-emissjonijiet ta' komposti organiċi li jisvintaw (VOC) li joħorġu mill-ħażniet tal-petrol u fid-distribuzzjoni tiegħu minn terminali għal stazzjonijiet tas-servizz (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 24).

1. B'deroga mill-Artikolu 4 u mill-Anness II tad-Direttiva 94/63/KE, il-ħtiġiet għat-tagħbija u l-ħatt ta' tagħmir f'terminali ma għandhomx japplikaw f'Malta sal-31 ta' Diċembru 2004 għal 4 *gantries* fit-terminal ta' l-Enemalta b'volum ta' aktar minn 25 000 tunnellata metrika fis-sena.

2. B'deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 94/63/KE, il-ħtiġiet għall-*containers* mobbli eżistenti f'terminali ma għandhomx japplikaw f'Malta sal-31 ta' Diċembru 2004 għal 25 tanker stradali.

3. B'deroga mill-Artikolu 6 u mill-Anness III tad-Direttiva Nru. 94/63/KE, il-ħtiġiet għat-tagħbija fi stallazzjonijet eżistenti tal-ħażna fi stazzjonijiet tas-servizz ma għandhomx japplikaw f'Malta:

– sal-31 ta' Diċembru 2004 għal 61 stazzjon ta' servizz b'volum ta' aktar minn 1000m$^3$ fis-sena;

– sal-31 ta’ Diċembru 2004 għal 13-il stazzjon ta’ servizz b’volum ta’ aktar minn 500$m^3$ fis-sena;

– sal-31 ta’ Diċembru 2004 għal 8 stazzjonijiet ta’servizz b’volum ta’ anqas minn jew li jlaħħaq għal 500$m^3$ fis-sena;

B. L-IMMANIĠĠJAR TA’ L-ISKART

1. 31993 R 0259: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 259/93 ta’ l-1 ta’ Frar 1993 dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta’ vjaġġi bi skart fi ħdan, fi, għal u mill-Komunità Ewropea (ĠU L 30,6.2.1993, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32001 R 2557: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2557/2001 tat-28.12.2001 (ĠU L 349, 31.12.2001, p. 1).

(a) Sal-31 ta’ Diċembru 2005, kull vjaġġ lejn Malta bi skart biex jiġi rkuprat imniżżel fl-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KEE) Nru. 259/93 kif ukoll vjaġġi bi skart biex jiġi rkuprat li mhux imniżżel f’dawk l-Annessi għandhom jiġu notifikati lill-awtoritajiet kompetenti u pproċessati b’konformità ma’ l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament.

(b) B'deroga mill-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KEE) Nru. 259/93, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joġġezzjonaw kemm għal vjaġġi bi skart biex jiġi rkuprat msemmi fl-Annessi II, III u IV tar-Regolament kif ukoll għal vjaġġi bi skart biex jiġi rkuprat li mhux imsemmi f'dawk l-Annessi li huma destinati għal xi faċilità li tgawdi minn xi deroga temporanja minn xi disposizzjoniet tad-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet fl-arja ta' ċerti sustanzi li jniġġsu minn impjanti kbar ta' kombustjoni[1], matul il-perijodu li fih id-deroga temporanja hija applikata fir-rigward tal-faċilità destinatarja.

2. 31994 L 0062: Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

(a) B'deroga mill-Artikolu 6(1)(a) tad-Direttiva 94/62/KE, sal-31 ta' Diċembru 2009 Malta għandha tilħaq il-miri globali ta' l-irkuprar għall-materjal li ġej li jintuża għall-imballaġġ skond il-miri intermedji li ġejjin:

– riċiklaġġ tal-plastik: 5% tal-piż sad-data ta' l-adeżjoni, 5% għas-sena 2004, 5% għas-sena 2005, 7% għas-sena 2006, 10% għas-sena 2007 u 13% għas-sena 2008;

– mira globali tar-riċiklaġġ: 18% tal-piż sad-data ta' l-adeżjoni, 21% għas-sena 2004, u 25% għas-sena 2005;

1 ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1.

– mira globali ta' l-irkuprar: 20% tal-piż sad-data ta' l-adeżjoni, 27% għas-sena 2004, 28% għas-sena 2005, 34% għas-sena 2006, 41% għas-sena 2007 u 47% għas-sena 2008.

(b) B'deroga mill-Artikolu 18 tad-Direttiva 94/62/KE, il-ħtieġa li ma jkunx impedut it-tqegħid fis-suq fit-territorju ta' Malta ta' imballaġġ li jissodisfa d-disposizzjonijiet tad-Direttiva ma għandhiex tapplika f'Malta sa 31 ta' Diċembru 2007 għad-disposizzjonijiet tal-leġislazzoni nazzjonali Maltija li l-imballaġġ tax-xorb għax-xorb karbonat b'kontenut ta' alkoħol ta' inqas minn 2% għandu jinbigħ fi flixkien tal-ħġieġ li jistgħu jerġgħu jimtlew jew li jitqassam minn krietel tal-metall.

Ċ. IL-KWALITÀ TA' L-ILMA

1. 31983 L 0513: Id-Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE tas-26 ta' Settembru 1983 dwar il-limitu ta' valuri u objettivi ta' kwalità għall-iskariku tal-kadmju (ĠU L 291, 24.10.1983, p.1), kif l-aħħar emendata bi:

– 31991 L 0692: Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23.12.1991 (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

B'deroga mill-Artikolu 3 u mill-Anness I tad-Direttiva 83/513/KEE, il-limitu ta' valuri ta' l-iskariku tal-kadmju fl-ilmijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 76/464/KEE dwar it-tniġġis kaġunat bl-iskarikar ta' ċerti sustanzi perikolużi fl-ambjent ta' l-ilma tal-Komunità[1], ma għandux japplika f'Malta sal-31 ta' Diċembru 2004 fir-rigward ta' l-iżbokk ta' Ras il-Ħobż, sal-31 ta' Diċembru 2006 għall-iżbokk ta' Iċ-Ċumnija u sal-31 ta' Marzu 2007 għall-iżbokk ta' Wied Għammieq,

2. 31986 L 0280: Id-Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-limitu ta' valuri u objettivi ta' kwalità għall-iskariku ta' ċerti sustanzi perikolużi inklużi fil-Lista I ta' l-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 16), kif l-aħħar emendata bi:

– 31991 L 0692: Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23.12.1991 (ĠU L 377, 31.12.91, p. 48).

[1] ĠU L 129, 18.5.1976, p. 23. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

B'deroga mill-Artikolu 3 u mill-Anness II tad-Direttiva 86/280/KEE, il-limitu ta' valuri ta' l-iskariku tal-kloroform fl-ilmijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 76/464/KEE dwar it-tniġġis kaġunat bl-iskariku ta' ċerti sustanzi perikolużi fl-ambjent ta' l-ilma tal-Komunità[1], ma għandux japplika f'Malta sat-30 ta' Settembru 2004 għall-impjanti ta' l-enerġija tal-Marsa u ta' Delimara, sal-31 ta' Diċembru 2004 fir-rigward ta' l-iżbokk ta' Ras il-Ħobż, sal-31 ta' Diċembru 2006 għall-iżbokk ta' Iċ-Ċumnija u sal-31 ta' Marzu 2007 għall-iżbokk ta' Wied Għammieq, f'Malta. Minbarra dan, il-limiti tal-valur għall-iskariku ta' *trichlorethylene* u ta' *perchloroethylene* ma għandux japplika f'Malta sal-31 ta' Diċembru 2004 fir-rigward ta' l-iżbokk ta' Ras il-Ħobż, sal-31 ta' Diċembru 2006 għall-iżbokk ta' Iċ-Ċumnija u sal-31 ta' Marzu 2007 għall-iżbokk ta' Wied Għammieq.

3. 31991 L 0271: Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40), kif emendata bi:

– 31998 L 0015: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/15/KE tas-27.2.1998 (ĠU L 67, 7.3.1998, p. 29).

(a) B'deroga mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/271/KEE, il-ħtiġiet għas-sistemi ta' ġbir ta' l-ilma urban mormi ma għandhomx japplikaw fl-intier tagħhom f'Malta sal-31 ta' Ottubru 2006 skond il-miri intermedji li ġejjin:

- sa l-adeżjoni, għandha tintlaħaq konformità ma' din id-Direttiva għall-*Marsa Land* u *Gozo-Main* li jirrappreżentaw 24% tat-tagħbija biodegradabbli totali;

[1] ĠU L 129, 18.5.1976, p.23. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 327, 22.12.2000, p.1).

– sat-30 ta' Ġunju 2004, għandha tintlaħaq konformità mad-Direttiva għal *Malta South* li jirrappreżenta 67% oħra tat-tagħbija bijodegradabbli totali;

– sal-31 ta' Diċembru 2005, għandha tintlaħaq konformità mad-Direttiva għall-Għarb f'Għawdex u n-Nadur f'Għawdex li jirrappreżentaw 1% oħra tat-tagħbija bijodegradabbli totali.

(b) B'deroga mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271/KEE, il-ħtiġiet għat-trattament ta' l-ilma urban mormi ma għandhomx japplikaw fl-intier tagħhom f'Malta sal-31 ta' Marzu 2007 skond il-miri intermedji li ġejjin:

– sa l-adeżjoni, għandha tintlaħaq konformità ma' din id-Direttiva għall-*Marsa Land* li tirrappreżenta 19% tat-tagħbija biodegradabbli totali;

– sal-31 ta' Ottubru 2004, għandha tintlaħaq konformità mad-Direttiva għal *Gozo-Main* li jirrappreżenta 5% oħra tat-tagħbija bijodegradabbli totali;

– sal-31 ta' Diċembru 2005, għandha tintlaħaq konformità mad-Direttiva għall-Għarb f'Għawdex u n-Nadur f'Għawdex li jirrappreżentaw 1% oħra tat-tagħbija bijodegradabbli totali;

– sal-31 ta’ Ottubru 2006, għandha tintlaħaq konformità mad-Direttiva għal *Malta North* li jirrappreżenta 8% oħra tat-tagħbija bijodegradabbli totali.

4. 31998 L 0083: Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta’ Novembru 1998 dwar il-kwalità ta’ l-ilma għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

B’deroga mill-Artikoli 5(2) u 8 u l-parti B ta’ l-Anness 1 tad-Direttiva 98/83/KE, il-valuri stabbiliti għall-parametri tal-fluworidju u n-nitrat ma għandhomx japplikaw f’Malta sal-31 ta’ Diċembru 2005.

D. IL-PROTEZZJONI TAN-NATURA

31979 L 0409: Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta'April 1979 dwar il-konservazzjoni ta’ l-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p.1) kif emendata l-aħħar bi:

– 31997 L 0049: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 97/49/KE tad-29.7.1997 (ĠU L 223, 13.8.1997, p. 9).

B'deroga mill-Artikoli 5(a), 5(e), 8(1) u l-Anness IV(a) tad-Direttiva 79/409/KEE, *Carduelis cannabina*, *Carduelis serinus*, *Carduelis chloris*, *Carduelis carduelis*, *Carduelis spinus*, *Fringilla coelebs* u *Coccothraustes coccothraustes* jistgħu jinqabdu deliberatament sal-31 ta' Diċembru 2008 permezz ta' xbieki tradizzjonali magħrufa bħala *clap-nets* fil-Gzejjer Maltin esklussivament għall-iskop li jinżammu fil-maqful bi qbil mal-miri intermedji li ġejjin:

– mhux aktar tard mid-data ta' l-adeżjoni, ikun ġie stabbilit il-Kumitat Malti ta' l-Ornis, ikunu ġew reġistrati l-imnasab kollha, ikunu ġew ippreżentati studju-pilota għal proġett ta' tgħammir fil-maqful u studju dwar il-mortalità ta' l-għasafar ta' l-għana (*fringillidae*) fil-maqful, ikunu ġew stmati in-numru u t-tipi ta' l-ispeċi miżmuma u mgħammra f'guvi, kif ukoll ikun ġie ppreżentat lill-Kummissjoni programm ta' informazzjoni għall-implimentazzjoni ta' sistema għat-tgħammir fil-maqful;

– sat-30 ta' Ġunju 2005 ikun ġie introdott programm għat-tgħammir fil-maqful;

– sal-31 ta' Diċembru 2006 ikun ġie stmat is-suċċess tas-sistema għat-tgħammir fil-maqful kif ukoll ir-rata tal-mortalità ta' l-għasafar fis-sistema stabbilita għat-tgħammir fil-maqful;

– sa Ġunju 2007 ikun ġie stmat in-numru ta' l-għasafar salvaġġi maqbuda li huwa meħtieġ biex tkun sostnuta d-diversità ġenetika;

– sal-31 ta' Diċembru 2007, il-Kumitat Malti ta' l-Ornis ikun stabbilixxa in-numru ta' kampjuni salvaġġi għall kull speċi li jistgħu jinqabdu skond id-Direttiva sabiex tkun żgurata diversità ġenetika suffiċjenti ta' l-ispeċi fil-maqful.

Il-miżuri li jittieħdu matul il-miżura transitorja għandhom jaqblu fl-intier tagħhom mal-prinċipji li jirregolaw iż-żminijiet tal-kaċċa ta' l-ispeċi ta' għasafar tal-passa kif imniżżel fid-Direttiva 79/409/KEE. Fil-kors tal-miżura transitorja n-numru ta' għasafar maqbuda hu mistenni li jonqos b'mod sinifikattiv. Malta għandha tirraporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din il-miżura transitorja u dwar il-progress milħuq.

E. IL-KONTROLL TAT-TNIĠĠIS INDUSTRIJALI U L-IMMANIĠĠJAR TAR-RISKJI

32001 L 0080: Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' ħruġ fl-arja ta' ċerti sustanzi li jniġġsu minn impjanti kbar ta' kombustjoni (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1).

B'deroga mill-Artikolu 4(1) u l-parti A ta' l-Anness VII tad-Direttiva 2001/80/KE, il-limitu tal-valuri ta' emissjoni għat-trabijiet ma għandux japplika sal-31 ta' Diċembru 2005 għall-Ewwel Fażi ta' l-impjant ta' l-enerġija ta' Delimara.

11. L-UNJONI DOGANALI

31987 R 2658: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u tat-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0969: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 969/2002 tas-6.6.2002 (ĠU L 149, 7.6.2002, p. 20).

(a) B'deroga mill-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru. 2658/87, Malta tista' sa l-aħħar tal-ħames sena wara d-data ta' l-adeżjoni jew sal-31 ta' Diċembru 2008, skond liema tiġi l-ewwel, tiftaħ kwoti fis-sena ta' tariffi għad-drappijiet minsuġa tas-suf mimxut jew tas-suf fin mimxut ta' l-annimali (Kodiċi CN 5112 11 10), denim (Kodiċi CN 5209 42 00), drappijiet minsuġa ta' ħjut ta' filamenti artifiċjali (Kodiċi CN 5408 22 10) u aċċessorji maħduma ta' ħwejjeġ oħra (Kodiċi CN 6217 10 00), skond l-iskeda li ġejja:

  – rata ta' dazju zero matul l-ewwel u t-tieni sena;

  – terz tad-dazju prevalenti tal-UE *ad valorem* matul it-tielet u r-raba' sena;

– żewġ terzi tad-dazju prevalenti ta’ l-UE *ad valorem* matul il-ħames sena;

għall-volumi li ġejjin:

– għall-Kodiċi CN 5112 11 10: massimu ta’ 20 000 metru kwadru fis-sena;

– għall-Kodiċi CN 5209 42 00: massimu ta’ 1 200 000 metru kwadru fis-sena;

– għall-Kodiċi CN 5408 22 10: massimu ta’ 110 000 metru kwadru fis-sena;

– għall-Kodiċi CN 6217 10 00: massimu ta’ 5 000 kilo fis-sena,

sakemm din il-merkanzija:

– tiġi wżata fit-territorju ta’ Malta għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ ta’ fuq ta’ l-irġiel u tas-subien (la tal-malja u lanqas tal-ganċ), u

– tibqa' taħt is-superviżjoni tad-dwana skond id-disposizzjonijiet Komunitarji rilevanti dwar l-użu finali kif stipulati fl-Artikoli 21 u 82 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92[1] li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

1 ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 12.12.2000, p. 17).

(b) Id-disposizzjonijiet stipulati hawn fuq għandhom japplikaw biss jekk mad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tkun ippreżentata liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet rilevanti Maltin li tiddikjara li din il-merkanzija taqa' taħt id-disposizzjonijiet stipulati hawn fuq.

(ċ) Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti Maltin għandhom jieħdu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li din il-merkanzija tintuża għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ ta’ fuq ta’ l-irġiel u tas-subien (la tal-malja u lanqas tal-ganċ), fit-territorju ta’ Malta.